**4 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Joseph Chetcuti *noe*

*versus*

Peter Paul Camilleri

**Penali - Artikolu 1122 tal-Kodiċi Ċivili - Kuntratt - Inadempjenza fi - Esekuzzjoni ta'- *Bona Fides* - Kuntrattazzjoni f'Isem Proprju**

*L-attur talab kundanna ħlas ta' penali minħabba inadempjenza kontrattwali.*

*Il-ġurisprudenza hija stabbilita fis-sens li meta wieħed jikkuntratta f'ismu personali, ma jistax sussegwentement isostni li kien bħala fatt qed jikkontratta f'isem ħaddieħor, jew f'isem xi entità ġuridika separata.*

*Skond l-artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili, il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti in bona fede u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom iżda ukoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skond ix-xorta tagħha bl-ekwità, bl-użu u bil-liġi.*

*Ġiet ikkonfermata l-penali mposta mill-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

Is-soċjetà *attriċi* pproċediet *quddiem* l-allura Qorti tal-Kummerċ b'dan l-att taċ-ċitazzjoni kontra l-konvenut biex jiġi kkundannat iħallas penali minħabba inadempjenza kontrattwali tiegħu;

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur *nomine* ppremetta:

"Illi s-soċjetà attriċi timmanifattura u tbigħ sigaretti;

Illi l-konvenut għandu bar magħruf bħala "City Limits" li minnu jbiegħ, fost oġġetti oħra, sigaretti bl-imnut lill-konsumaturi;

Illi permezz ta' skrittura ffirmata fis-17 ta' Lulju, 1991 (kopja annessa dokument A) is-soċjetà *attriċi* u *l-konvenut* ftehmu illi s-soċjetà attriċi kellha, fost obbligi oħra, tistalla fil-bar tal-konvenut *vending machine* għall-bejgħ tas-sigaretti u illi l-konvenut kellu jbiegħ sigaretti biss minn dik il-*vending machine*;

Illi dan il-ftehim kien għal perijodu ta' ħames snin mis-17 ta' Lulju, 1991;

Illi l-konvenut abużivament u bi ksur ta' l-obbligi kontrattwali tiegħu rrifjuta illi jippermetti lis-soċjetà attriċi tistalla l-*vending machine*, anzi daħal fi ftehim fuq *vending machine* ma' soċjetà oħra u beda jbiegħ sigaretti b'dan il-mod;

Illi l-konvenut ġie nterpellat diversi drabi, anke permezz ta' ittra uffiċjali, sabiex jottempera ruħu ma' l-obbligi kontrattwali minnu assunti, iżda dan baqa' inadempjenti;

Illi b'hekk il-konvenut ġie illi kiser l-obbligu assunt minnu mill-artikolu 6 ta' l-imsemmija skrittura li permezz tagħha kien *intrabat illi ma jbiegħx sigaretti ħlief mill-vending machine* tas-soċjetà attriċi;

Illi skond l-artikolu 11 ta' l-imsemmija skrittura l-konvenut hu suġġett għal penali ta' mija u ħamsin lira (Lm150) għal kull ġurnata illi jkun qed jikser l-obbligu assunt fl-artikolu 6;

Illi l-artikolu 13 jagħti lis-soċjetà attriċi l-fakoltà li tittermina l-ftehim f'każ ta' ksur da parti tal-konvenuti ta' l-artikolu 6 u dan mingħajr preġudizzju għal penali li jkunu ġà ġew inkorsi;

Illi permezz ta' ittra uffiċjali tas-7 ta' Awissu, 1992, is-soċjetà attriċi tterminat il-ftehim b'effett immedjat;

Talab li għar-raġunijiet premessi dina l-Qorti:

Tiddikjara illi l-konvenut kiser l-obbligi kontrattwali minnu assunti fl-iskrittura tas-17 ta' Lulju, 1991, u speċifikatament l-artikolu 6;

Tiddikjara xolt il-ftehim tas-17 ta' Lulju, 1991, b'effett mis-7 ta' Awissu, 1992, data ta' l-ittra uffiċjali;

Tillikwida l-penali dovuta mill-konvenut lis-soċjetà attriċi skond l-imsemmija skrittura;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma hekk likwidata";

Il-konvenut eċċepixxa hekk:

"Illi l-konvenut m'għandux bar magħruf bħala City Limits;

Illi huwa mhux qed ibiegħ sigaretti ta' ditti oħra;

Għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġi miċħuda bl-ispejjeż";

B'sentenza tagħha tat-2 ta' Ġunju, 1995, il-Qorti tal-Kummerċ iddeċidiet il-kawża billi rrespinġiet bħala nfondati l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u laqgħet it-talbiet attriċi u għall-finijiet tat-tielet u tar-raba' talba, illikwidat il-penali dovuta mill-konvenut fis-somma ta' Lm12,000 bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-konvenut;

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-konvenut ikkontratta personalment mas-soċjetà attriċi u l-isem tal-bar kien ġie ndikat minnu stess bħala "City Limits" u l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta' l-attur *nomine* f'dan ir-rigward li l-isem tal-ħanut mhux fattur determinanti, speċjalment meta l-ħanut huwa identifikabbli;

Mill-provi prodotti mill-attur li mhumiex kontradetti t-talbiet attriċi jirriżultaw fondati;

Ikkunsidrat dwar il-penali, li a tenur ta' l-artikolu 11 ta' l-iskrittura *de qua* il-konvenut huwa suġġett għal penali ta' mija u

ħamsin lira (Lm150) għal kull ġurnata illi jkun qed jikser l-obbligu *assunt minnu bil-klawsola 6 ta' l-istess skrittura;*

Din il-klawsola tistipula li:

"*In consideration of the Company's obligations under this agreement, the Retailer undertakes and binds himself throughout the currency of this Agreement:*

*not to stock or sell cigarettes except through the vending machine*";

Illi għalhekk l-attur *nomine* biex ikun jista' jinvoka l-penali jrid jipprova li l-konvenut biegħ jew kellu għall-bejgħ, sigaretti mhux permezz tal-*vending machine* ta' l-attur *nomine*, u għall-finijiet tal-likwidazzjoni trid issir il-prova riferibbilment għal kull ġurnata li a rigward tagħha tintalab il-penali. Is-sempliċi fatt li l-konvenut ma ħalliex il-*vending machine* tiġi stallata ma tintitolax l-attur *nomine* għall-penali billi din skond il-klawsola 11 il-penali tkun dovuta jekk il-konvenut jikser l-obbligu tiegħu skond il-klawsola 6 fuq iċċitata;

Mix-xhieda mogħtija minn Herman Zammit permezz ta' *affidavit (fol. 28-29), liema xhieda ma ġietx kontradetta,* jirriżulta li minn xi t-28 ta' Lulju, 1991, sas-7 ta' Awissu, 1992, data li fiha ġie tterminat il-kuntratt, fil-ħanut *de quo* kien hemm istallata magna tas-sigaretti tas-Central Cigarette Company Limited li hija kumpannija kompetitriċi tas-soċjetà attriċi. Għalhekk il-konvenut inkorra l-penali pattwita ta' Lm150 kuljum *għal ċirka 375 ġurnata li jammonta għas-somma nġenti* ta' Lm56,250;

Hawnhekk għandu jiġi rrilevat li skond il-klawsola 11 il-konvenut espressament irrinunzja għad-dritt li l-Qorti tnaqqas

jew ittaffi l-penali a tenur ta' l-artikolu 1122 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16). Però l-attur *nomine* stess fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu ssottometta fl-aħħar paragrafu (ara fol. 47) li:

"L-esponent jirrealizza illi kieku kellha tiġi applikata l-penali kkontemplata fl-iskrittura għall-perijodu kollu mill-5 ta' Awissu, 1991 sas-7 ta' Awissu, 1992, l-ammont pagabbli mill-konvenut ikun għoli. Jekk din l-Onorabbli Qorti tħoss illi l-penali llikwidata skond il-kuntratt hija għolja ħafna, allura *l-attur nomine* qiegħed jawtorizza lil din l-Onorabbli Qorti *tillikwida* l-ammont tal-penali *arbitrio boni viri* u timponi fuq il-konvenut ammont ta' penali kif jidhrilha xieraq skond iċ-ċirkostanzi";

Ikkunsidrat:

Illi kieku kellha tiġi nflitta l-penali kkontemplata fl-iskrittura, kif ġà ġie kkalkolat, tkun tammonta għas-somma ta' sitta u ħamsin elf u mitejn u ħamsin lira Maltija (Lm56,250). Li fil-fehma tagħha tkun penali drakonjana u ġaladarba l-attur *nomine* awtorizzaha tillikwida l-ammont tal-penali *arbitrio boni viri* hija qiegħda tillikwida l-penali dovuta fis-somma ta' tnax-il elf lira Maltija (Lm12,000);"

Indubbjament, l-obbligu li assuma l-konvenut appellant fl-iskrittura minnu liberament iffirmata *fis-17 ta' Lulju, 1991*, bħala *retailer* responsabbli għall-ħanut/*bar* imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni meritu tal-kawża kien li sakemm ikun fis-seħħ dak il-ftehim hu ma jaħżinx, ma jżommx *stock* jew ibiegħ sigaretti jekk mhux permezz ta' magni tas-soċjetà attriċi. Fir-rikors ta' l-appell tiegħu l-appellant jaċċetta *li ġie ppruvat* konklussivament mis-soċjetà attriċi: (1) li hu ma ħalliex lill-appellat *nomine* jistalla l-magna tiegħu fil-ħanut in kwistjoni. Il-Qorti tinnota li

ma hemm l-ebda kwistjoni dwar l-identità tal-ħanut u dwar li dak il-ħanut kien dak imsemmi fil-ftehim tas-17 a' Lulju, 1991; u (2) li sussegwentement ġiet istallata magna, ċjoè *vending machne* tas-sigaretti ta' ditta oħra li qiegħda f'konkorrenza mas-soċjetà appellata. Daqstant l-appellant jaċċetta u jirriżulta ukoll ippruvat u mhux ikkontestat, li dik il-magna, tul il-pendenza ta' din il-kawża, baqgħet fil-ħanut u presumibbilment baqgħet tiġi użata, allura in kontravvenzjoni ċara tal-ftehim milħuq bejn il-kontendenti;

Il-lanjanza ta' l-appellant f'dan ir-rigward hi li hu ma kellux kontroll fuq dawn il-fatti, li jammetti li kien veru li ġraw, għax dawn ma kinux jiddependu minnu. Jilmenta li l-Ewwel Qorti njorat dawn ill-fatturi li, fil-fehma tiegħu, kienu jiskolpawh minn kull responsabbilità u kwindi kienu jeżonerawh minn kull adebitu għall-ħlas tal-penali pretiża mis-soċjetà attriċi skond il-ftehim;

Dan l-aggravju fil-verità jisposta kompletament id-difiża tal-konvenut appellant mill-parametri ta' l-eċċezzjonijiet minnu mogħtija. Kif jidher minn dak fuq irriportat, fl-eċċezzjonijiet tiegħu, l-appellant ċaħad li kellu bar magħruf bħala City Limits. Wieħed jifhem, kif infatti fehmet l-Ewwel Qorti, li l-konvenut kien qed jakkampa difiża fuq il-fatt li l-isem tal-bar ma kienx korrettement iċċitat fl-iskrittura. Allura ġustament l-Ewwel Qorti qalet li, una volta l-fond kien identifikabbli, anke jekk dan ma kienx sewwa deskritt b'ismu, ma kellux dan il-fatt ibiddel is-sustanza tat-talbiet attriċi jew il-ġustifikazzjoni tagħhom. Jirriżulta mill-provi, infatti, li meta ġie konkluż il-ftehim, l-isem tal-ħanut kien għadu ma ġiex ippreċiżat għax il-konvenut ma kienx għadu ddeterminah b'ċertezza. Il-konvenut, matul it-trattazzjoni tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti, jidher li ma għamel xejn biex jiċċara dak li kien qiegħed jippretendi issa f'dan l-istadju u ċjoè li din l-ewwel eċċezzjoni tiegħu ma kinitx tfisser ħaġa ben diversa u ċjoè li l-appellant qatt ma kellu l-

ġestjoni tal-fond *de quo*. L-istess konsiderazzjoni tapplika ukoll għat-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u ċjoè illi huwa ma kienx qed ibiegħ xi sigaretti ta' ditta oħra. Anke hawn hu issa qed jippretendi li kellu jiġi ppruvat li ma kienx hu li kien qiegħed ibiegħ is-sigaretti fil-fond *de quo*, imma se mai xi ħadd ieħor li kellu l-ġestjoni tal-fond. Dan ix-xi ħadd hu baqa' ma jispeċifikax min hu għalkemm jagħti x'jifhem b'ċertu mod vag li dan kien is-soċjetà li hu kellu flimkien ma' ħuh;

L-appellant, però, ma jistax jaħrab mill-fatt ippruvat li mhuwiex, u ma jistax jiġi minnu kkontestat, li l-iskrittura tas-17 ta' Lulju, 1991, saret f'ismu personalment u li kien hu personalment li obbliga ruħu fil-konfront tas-soċjetà attriċi, u dan taħt il-penali minnu aċċettata, li f'każ ta' inadempjenza, hu aċċetta li jħallas personalment. Fl-*affidavit* ittanta jqanqal difiża oħra - apparti *l-eċċezzjonijiet li ta - li huwa ma kkontrattax* f'ismu personalment iżda għan-nom ta' soċjetà bl-isem Plant Studio Ltd.;

Din il-Qorti ma tikkondividix is-sottomissjoni ta' l-appellat *nomine* illi l-Ewwel Qorti kellha tiskarta din is-sottomissjoni a priori għaliex ma ġietx mogħtija formalment. Hi ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati, li meta eċċezzjonijiet ikunu espressament mogħtija, waqt il-proċeduri, anke jekk permezz ta' noti tal-konvenut, jew bħala parti minnhom, il-Qorti kellha tieħu nota tagħhom, tinvestihom u tiddeċidihom daqslikieku kienu ngħataw formalment. Iżda, fil-każ taħt eżami, hu ċar, il-konvenut appellant lanqas sa hawn ma wasal biex jeċċepixxi. Illimita ruħu biss biex jiddikjara fl-*affidavit* tiegħu, li, waqt li hu jaċċetta li kien iffirma l-ftehim u li hu kellu l-intenzjoni kollha li jonora l-obbligazzjonijiet minnu assunti, hu sab li ma setax jagħmel dan għax meta qal lil ħuh bil-kuntratt, sab oġġezzjoni qawwija. Jiddikjara li l-ħanut ma kienx tiegħu waħdu, iżda tas-soċjetà li kellu ma' ħuh, liema soċjetà kellha l-kiri ta' ħanut bl-isem Plant Studio Ltd. Hu infatti esebixxa

skrittura ta' lokazzjoni b'data anteċedenti għall-ftehim meritu ta' din il-kawża li biha din is-soċjetà, li għaliha dehru l-konvenut u ħuh, kienu ħadu l-fond *de quo* b'kera bħala ħanut;

Dawn il-fatti waħedhom, però, bl-ebda mod ma jista' jingħad li kienu jwasslu għall-eċċezzjoni illi l-konvenut, meta ffirma l-iskrittura dwar il-*vending machine*, kien qed jidher għan-nom tas-soċjetà li kellu ma' ħuh, jew li hu ma kellux il-ġestjoni tan-negozju ġestit fil-fond jew li hu ma kienx awtorizzat li jiffirma għan-nom tas-soċjetà li kellha l-kirja, in kwantu li kien hu li kien qed jamministra n-negozju. L-appellant hu żbaljat meta jissottometti fl-appell tiegħu, illi kien l-obbligu tas-soċjetà attriċi li tipprova li l-appellant kien inkorra fir-responsabbilità, skond il-kuntratt, billi sodisfaċentement jipprova li l-bejgħ li kien qed isir mill-*vending machines* tas-soċjetà kompetitriċi għal dik attriċi kien qed isir minnu (mill-appellant). *L-iskrittura ffirmata mill-appellant kienet tidentifika* lilu bħala l-persuna responsabbli għall-ġestjoni tal-ħanut li seta' jobbliga ruħu fir-rigward ta' tali ġestjoni fir-relazzjonijiet tiegħu ma' terzi li magħhom kien qed jagħmel negozju, fosthom mas-soċjetà attriċi. *Una volta s-soċjetà attriċi rnexxielha* tipprova, bla diffikultà, li kien l-appellant li ma ppermettilhiex tistalla l-magna tagħha fil-fond taħt il-ġestjoni tiegħu u li għalih daħal personalment responsabbli fil-konfront tad-ditta attriċi għall-meritu ta' l-iskrittura, is-soċjetà attriċi ma kienet obbligata li tipprova xejn aktar biex tissostanzja t-teżi tagħha. Kien għall-kuntrarju jispetta lill-appellant, jekk ried jittanta difiża fuq il-linji issa prospettati f'dan l-appell, li mhux biss jagħti formalment l-eċċezzjonijiet li issa qed javanza, imma ukoll li jitlob li jipproduċi l-provi meħtieġa biex jissostanzjahom. Dan għaliex, f'dawn l-eċċezzjonijiet li spiċċa qatt ma ta, il-konvenut appellant jipprospetta u jallega fatti li jmorru kontra l-kitba li fuqha hi bbażata l-azzjoni u hu ovvju li f'ċirkostanzi simili li min jallega jrid jipprova. *Incubit ei qui dicit non ei qui negat.* Kuntrarjament għal dak suġġerit mill-

appellant ma kienet meħtieġa l-ebda *prova* li mill-fond kienu qed jinbiegħu sigaretti u li dan kien qed isir minn magni ta' ditta kompetitriċi ta' l-attur *nomine*. Jekk il-konvenut kien qed jippretendi li l-ftehim ma kienx ifisser dak li jgħid, kien jispetta lilu li jippruvah, u dan fl-istadju opportun u mhux f'din il-Qorti ta' reviżjoni;

F'dan ir-rigward hija ġusta l-osservazzjoni tas-soċjetà appellata illi l-ġurisprudenza hija stabbilita fis-sens li meta wieħed jikkuntratta f'ismu personali, ma jistax sussegwentement isostni li kien bħala fatt qed jikkontratta f'isem ħaddieħor, jew f'isem xi *entità ġuridika separata*. "*Hija* ħaġa minn lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma *jindikax* li *qiegħed* jikkuntratta f'isem ħaddieħor, jew, jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolament jaf li jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor ... Din il-Qorti jidhrilha li l-konvenut ma rnexxilux jipprova sodisfaċentement li hu mhux obbligat personalment li jħallas il-kreditu tas-soċjetà attriċi. Fi kliem ieħor ma jirriżultax sodisfaċentement li meta l-konvenut innegozja mas-soċjetà attriċi a *tempo vergine* ġab a konjizzjoni tagħha li hu kien qiegħed jixtri għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà u li din is-soċjetà biss kienet *obbligata għall-ħlas*" (**Frank Cilia *nomine vs* Charles Scicluna**, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-27 ta' April, 1992). Ara wkoll **Charles O'Flaherty *nomine vs* Joseph Micallef** (Kummerċ - 24 ta' Ġunju, 1987 u **Charles Mizzi *vs* Teddy *sive* Edward Borg** (Kummerċ, 10 ta' Mejju, 1990);

Mhux ikkontestat li l-konvenut obbliga ruħu personalment. Mhux ikkontestat li dak l-obbligu ġie vvjolat u tirriżulta l-inadempjenza kontrattwali li tipprovoka l-komminazzjoni tal-penali konvenuta. Hu allegat li l-ġestjoni tal-ħanut jew ma kinitx f'idejn *il-konvenut meta kkonkluda l-ftehim* jew *ġiet* f'xi żmien wara mgħoddija lil terz. Dan kollu bl-ebda mod ma ġie

ppruvat konklussivament. Il-Qorti ma tarax allura kif jista' l-konvenut appellant jeħles mill-obbligi kontrattwali minnu liberament assunti. Ir-relazzjonijiet bejnu u bejn is-soċjetà li *fiha hu kien, flimkien ma' ħuh, soċju* u li jidher li kienet inkwilina tal-fond *de quo*, bl-ebda mod ma jinteressaw lis-soċjetà attriċi, kif lanqas jinteressawha l-allegata impossibilità ta' l-appellant li jissodisfa l-obbligi tiegħu minħabba ċirkostanzi li ma jiddependux mill-volontà tiegħu. Impossibbilità mhux ippruvata imma li, se mai, kienet f'kull każ, ipprovokata mill-aġir u komportament ta' l-istess appellant;

Finalment, il-konvenut appellant, f'tentattiv aħħari biex jipprova jevita r-respnosabbilità tiegħu għall-inadempjenza kontrattwali u għall-konsegwenti ħlas tal-penali, jiddisponi fl-*affidavit* tiegħu tal-31 t' Ottubru, 1994, illi hu ma baqax involut fit-tmexxija tal-ħanut, "iżda għamilna arranġament ma' terz sabiex *imexxih għan-nom tal-kumpannija peress li ma kienx* settur tal-kummerċ li aħna ntiżi fih". Dana f'tentattiv biex jisposta r-responsabbilità għal fuq it-terz li suppost qiegħed imexxi l-ħanut illum u dana bl-isperanza li l-appellant ma jibqax responsabbli għal dak l-aġir li, *ex admissis*, kien in vjolazzjoni tal-ftehim milħuq. Però, apparti l-fatt li f'dan ir-rigward ma saritx il-prova meħtieġa, hu llum ġuridikament paċifiku li min ikun ikkuntratta f'ismu proprju ma jistax sussegwentement juża l-paraventu tas-soċjetà kummerċjali jew ta' terza persuna oħra sabiex jevita r-responsabbilità *kontrattwali tiegħu. Għall-*kuntrarju, kull min jidħol f'kuntratt u sussegwentement jiddelega it-tħaddim ta' dak il-kuntratt lil terzi jew jippermetti lil ħaddieħor jesegwixxi l-kuntratt jew parti minnu, jibqa' dejjem obbligat personalment bil-kondizzjonijiet u l-obbligi kontrattwali għax kien dover tiegħu li jassigura li dawn jiġu osservati minn din it-terza persuna. Kif hu llum aċċettat ukoll li mhux permissibbli li xi ħadd jistaħba wara l-maskra tal-kumpannija tiegħu biex jagħmel dak li altrimenti ma jkunx jista' jagħmel personalment. Kif sewwa ssottometta l-appellat, una

volta l-konvenut personalment intrabat li ma jbieghx sigaretti ta' ditti ohra, ma jistax jistahba wara l-kumpannija tieghu u ta' huh u jghid li dik hija persuna differenti minnu u li ghalhekk tali socjetà *tista' tbigh sigaretti ta' ditti ohra bla ebda konsegwenza. Infatti, kif kellha opportunità tirrimarka* l-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **Avukat Dr. Josè Herrera *nomine vs* Tancred Tabone *et***, deciza fit-22 ta' Jannar, 1992: "skond l-artikolu 993 *tal-Kodici Civili, il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona* fide u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda ukoll *ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond* ix-xorta taghha bl-ekwità, bl-uzu u bil-ligi";

L-appell fir-rigward tar-responsabbilità ghall-hlas tal-penali ma jistax ghalhekk jigi milqugh. Fir-rigward tal-likwidazzjoni ta' l-ammont ta' din il-penali, il-Qorti tinnota li fir-rikors ta' l-appell ma hemm l-ebda accenn dwar il-*quantum* illikwidat. Il-Qorti tifhem li l-appellant hu sodisfatt bil-moderazzjoni li ghamlet l-Ewwel Qorti ghall-penali li altrimenti *kien ikollu jhallas skond dak li ntrabat* bih fl-iskrittura tas-17 ta' Lulju, 1991.